**KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN**

**IL-SEBA' LEĠISLATURA**

**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**LAQGĦA NUMRU 50 – IT-TNEJN, 27 TA' LULJU 2015 FL-10.15 AM**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

Preżenti

| | |
|---|---|
| Etienne Bonello Du Puis | Sindku |
| Marica Bayliss | Viċi Sindku |
| Rita Saliba | Kunsillier |
| Malcolm Abdilla | Kunsillier |
| Dominic Cassar | Kunsillier |
| Trevor Fenech | Kunsillier |
| Neville Mallia | Kunsillier |
| Kurt Guillaumier | Segretarju Eżekuttiv |

Skużati

| | |
|---|---|
| Joan Farrugia | Kunsillier |
| Mikhail Micallef | Kunsillier |

Assenti

| | |
|---|---|
| Miguel Galea Sillato | Ambaxxatur |

1 Kien hemm talba biex tiġi sospiża l-Agenda. Din ġiet approvata unanimament.

1.1 Is-Sur Dominic Cassar informa lill-Kunsill li l-Kuntrattur Owen Borg insulenta u għamel allegazzjonijiet lejh u lejn il-Kunsilliera.

1.2 Wara diskussjoni, ġie deċiżż li tintbagħat ittra lil Owen Borg fejn hu għandu jissostanza dak li allega jew inkella jirtira dak li qal. Kien hemm qbil unanimu fuq dan.

**2 Approvazzjoni Minuti Numru 48**

2.1 Ma kienx hemm korrezzjoni fil-minuti.

2.2 Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġu approvati l-minuti. Is-Sur Trevor Fenech issekonda. Kien hemm qbil unanimu.

**3 Approvazzjoni Minuti Numru 49**

3.1 Ma kienx hemm korrezzjoni fil-minuti.

3.2 Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ipporpona li jigu approvati l-minuti. Is-Sur Dominic Cassar issekondat. Kien hemm qbil unanimu

**4 Punti li joħorġu mill-Minuti 48**

4.1 Rigward 2.2, il-Kunsilliera Rita Saliba u Malcolm Abdilla ikkumentaw li huma qatt ma għamlu kuntatt mal-Ministeru, imma kien il-Ministeru li għamel kuntatt magħhom.

**5 Pagamenti Numru 43**

3.1 Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġu approvati l-pagamenti. Is-Sinjura Marica Bayliss issekondat. Kien hemm qbil unanimu.

**6 Tender tal-Ġonna u Soft Areas.**

6.1 Kien hemm diskussjoni fuq il-ħames offerti li kien hemm għal din is-sejħa. Wara li dawn l-offerti ġew ikkunsidrati, u invista tar-rakkommdazzjoni riċenti tal-PCRB għal tenders oħra, is-Sur Bonello Du Puis ippropona li tintgħażel l-offerta ta' WM Environmental peress li hija l-irħas offerta u li hija skont l-ispeċifikazzjonijiet mitluba. Is-Sinjura Rita Saliba ssekondat. Kien hemm qbil unanimu.

**7 Korrispondenza**

7.1 Ġiet innutata għotja ta' litru żejt taż-żebbuġa lill-Kunsill mingħand il-Kumpanija ELC. Ġie deċiż li tintbagħat ittra ta' ringrazzjament.

7.2 Ġiet innutata stima ta' 850 Ewro + Vat għal servizzi ta' topography għal Cart Ruts. Ġie deċiż li għalissa dan ix-xogħol ma jsirx.

7.3 Kien hemm diskussjoni rigward talba għall-mera tat-traffiku fi Sqaq Għargħur kantuniera ma’ Sqaq Qasbi. Kien hemm qbil li din issir.

7.4 Ġie innutat suġġeriment biex isir parkeġġ fil-kantunieri liema toroq huma One Way u li mhux ser jinħoloq ostaklu. Ġie deċiż li dan is-suġġeriment jiġi riferut lil TM għad-direzzjoni tagħhom.

**8 Komunikazzjoni mis-Sindku**
.
8.1 Is-Sindku għandu jassenja l-kariga tat-tabelli u marki f'laqgħa oħra tal-Kunsill.

8.2 Kien hemm diskussjoni fuq id-dawl tal-Milied fi Triq in-Naxxar. Il-Kunsill approva ftehim mal-ħwienet ta' Triq in-Naxxar biex l-ispejjeż ta' dan jitħallas nofs bin-nofs bejn il-Kunsill u l-ħwienet. Kien hemm qbil fuq dan. Kien hemm qbil ukoll li għandha tiżżejjen bid-dawl tal-Milied Vjal ir-Riħan minn quddiem il-Knisja sa Triq Felic Borg. Kien hemm qbil fuq din ukoll.

8.3 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Kunsill ta' San Ġwann rebaħ “Best Performance Overall” fil-Local Councils Award tal-GreenPak. Il-premju hu ta’ 1000 Ewro li għandhom imorru għall-proġett favur l-ambjent.

8.4 Il-Kunsill ġie nfurmat li l-proġett propost għal Misraħ Lewża biex titħaffer parti minnha, ġie propost li jiġi ffinanzjat privatament. Ġie deċiz li ssir laqgħa mal-persuna li ppropona dan il-proġett.

**9 Affarjiet Oħra**

9.1 Is-Sur Dominic Cassar ippropona li jintbaghat bukkett fjuri lill-Madonna ta' Lourdes għall-okkażjoni tal-festa. Kien hemm qbil u li l-Kunsilliera għandhom joħorġu 5 Ewro kull wieħed. Hu talab ukoll biex tintbagħat reminder lil ECCO għall-proposta li jieħdu ħsieb is-soft area fil-viċinanzi tagħhom. Hu lmenta wkoll li għad hemm container fi Triq il-Kampanella u għad hemm bnadar fi Triq in-Naxxar. Dawn għandhom jitneħħew.

9.2 Is-Sinjura Marica Bayliss talbet li jekk ma jkunx hemm appell fuq it-tender tal-knis Zone B, din għandha tingħata lill-Kuntrattur magħżul. Kien hemm diskussjoni wkoll fuq l-art okkupata mod illegali. Għandu jintbagħat rapport lill-Pulizija u lis-Superintendent of Cultural Heritage.

9.3 Is-Sur Trevor Fenech ilmenta fuq parking bay li sar isfar minn abjad mod dubjuż. Għandu jagħmel site visit flimkien mas-Sindku.

9.4 Is-Sur Malcolm Abdilla lmenta fuq linji dubjużi fi Triq is-Santwarju. Għandha ssir site visit mas-Sindku fuq dawn.

9.5 Is-Sur Neville Mallia lmenta li x-xogħol fuq l-passaġġ fi Triq G Azzopardi għadu ma bediex kif ukoll li ż-zebra crossing fi Vjal ir-Riħan għandhom bżonn refreshing.

9.6 Il-Kunsill ġie nfurmat li saret talba lir-Reġjun Ċentrali biex isiru l-cameras tat-traffiku fi Triq il-Kampanella u Triq Naxxar fil-viċinanzi tal-Mensija Bar. Kien hemm qbil fuq dan.

**10 Għeluq il-Laqgħa**

10.1 Il-laqgħa spiċċat fl-11.45am. Ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn, 31 ta' Awwissu 2015 fil-10.00am.

**Kurt Guillaumier**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Etienne Bonello Du Puis**
**Sindku**